Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att t'Akkuza numru 9/2019

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Omissis

Illum 9 ta' Dicembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2019 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Ommissis, detentur tal-karta tal-identita' numru 290381M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn sbatax (2017) il-Pulizija fi hdan l-Iskwadra Kontra l-Vizzji rcievew rapport minghand Nicolette Debono li tahdem bhala Social Worker fi hdan l-Agenzija Appogg, fejn din infurmat lil Pulizija dwar rapport anonimu li kien wasslilha dwar minorenni li setghet kienet qed tisfa' vittma ta' abbuz sesswali. Irrizulta minn aktar stharrig li din il-minorenni kienet Ommissis, tifla ta' erbatax-il sena (14) u detentrici tal-karta tal-identita' omissis li allegatament kienet qed tigi abbuzata sesswalment mis-sieheb ta' ommha li kien jghix fl-istess residenza maghhom, senjatament Ommissis, qua l-akkuzat f'dawn il-proceduri. Wara li l-vittma Ommissis giet mitkellma flimkien ma ommha

Omissis, irrizulta li l-persuna li kien qed jabbuza sesswalment minnha gie identifikat bhala Ommissis li huwa l-akkuzat f'dawn il-proceduri.

Illi meta l-minuri giet mitkellma fil-prezenza t'ommha mill-pulizija tal-Iskwadra Kontra tal-Vizzji, irrizulta li Ommissis kellu x'jaqsam sesswalment ma Omissis f'iktar minn okkazzjoni wahda u dan dejjem kontra r-rieda taghha. In fatti, skond dak mistqarr mil-vittma, hi kienet tkun rieqda fil-kamra taghha u kienet issibu hdejha fejn kien jippretendi li jkollha x'taqsam meighu sesswalment u fejn allavolja hi kienet irrifjutat hu xorta wahda imponha lilu nnifsu fuqha u ssodisfa l-kilba sesswali tieghu maghha. Effettivament, meta l-pulizija arrestaw lil Ommissis inizjalment hu ma cahadx dan il-komportament u filfatt kien iddikjara li ddispjacih talli kien ghamel fejn bl-istess mod ma kienx innega dan il-komportament ma omm il-vittma meta hi kienet skopriet b'dak li kien gara.

Illi b'ghemilhu l-imsemmi Ommissis sar hati talli f'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza, ikkommetta stupru aggravat fuq Ommissis, persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt gie kommess fuq persuna minuri u meta l-persuna l-ohra tkun qeghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew kienet qeghda tghix mal-hati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat;

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Ommissis, hati talli, f'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbarm, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza, kkometta stupru aggravat fuq Ommissis, eprsuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt gie kommess fuq persuna minuri u meta l-persuna l-ohra

tkun qeghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew kienet qeghda tghix mal-hati matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat; jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn hames (5) snin u mhux iktar minn tletin (30) sena, bir-rekluzjoni jew mingharha, kif ukoll jigi provdut ghas-sigurta' tal-vittma Ommissis u ghat-trattament tal-akkuzat Ommissis, u l-istess akkuzat jigi ordnat li ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, u dan skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 198, 201, 202(g)(h) paragrafu (v), 17, 18, 31, 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' tkun skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi b'referenza ghac-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuza u cioe' bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), irrizulta li Ommissis, apparti minn l-att ta' stupru li subiet f'iktar minn okkazzjoni wahda, kienet qed tigi soggettata wkoll ghall-atti li di natura jikkostataw bhala partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali. Dan qed jinghad konsiderando fost affarijiet ohrajn l-eta' tenera tal-vittma u n-nuqqas ta' esperjenza assoluta ta' atti jew konotazzjonijiet sesswali da parti taghha apparti l-vulnerabbilta' tal-vittma, tenut kont ukoll tac-cirkostanzi li fihom saru dawn l-atti u tar-relazzjoni intima li l-istess akkuzat Ommissis kellu ma ommha stess fiz-zmien mertu tal-incidenti in kwistjoni. Infatti dawn l-attivitajiet sesswali gew iktar facilitati mill-fatt li l-aggressur jghix fl-istess dar mal-vittma fejn hu kien abbuza mir-relazzjoni ta' fiducja li kien hemm bejnu u bejn omissis u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda.

Illi b'ghemilhu l-imsemmi Ommissis sar hati talli f'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnhu wkoll

jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta' u cioe' Ommissis, persuna ta' taht l-eta' u minuri ta' erbatax (14)-il sena.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Ommissis, hati talli, f'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnhu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta' u cioe' Ommissis, persuna ta' taht l-eta' u minuri ta' erbatax (14)-il sena, jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tnax (12)-il sena, bir-rekluzjoni jew minghajrha, kif ukoll jigi provdut ghas-sigurta' tal-vittma Ommissis u ghat-trattament tal-akkuzat Ommissis, u l-istess akkuzat jigi ordnat li ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, u dan skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 204C(1), 208AC(1)(b)(d) (2)(a), 202(h) paragrafu (v), 17, 18, 31, 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' tkun skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u l-Ahhar Kap ipremetta:

Illi b'referenza ghac-cirkostanzi indikati fl-Ewwel u Tieni Kap ta' dan l-Att tal-Akkuza u cioe' bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), irrizulta li Ommissis, apparti minn l-att ta' stupru li subiet f'iktar minn okkazzjoni wahda, kienet qed tigi soggettata wkoll ghal atti oxxeni li lkoll fin-natura taghhom huma tali li jistghu iwasslu indubjament u fil-fatt f'dan il-kaz wasslu, fil-korruzzjoni fizika u mentali taghha. Dan qed jinghad konsiderando, fost affarijiet ohrajn, l-eta' tenera tal-vittma u n-nuqqas ta' esperjenza assoluta ta' atti jew konotazzjonijiet sesswali da parti taghha apparti l-

vulnerabbilta' tal-vittma, tenut kont ukoll tac-cirkostanzi li fihom saru dawn l-atti u tar-relazzjoni intima li l-istess akkuzat Ommissis kellu ma ommha stess fi zmien mertu tal-incidenti in kwistjoni. Infatti din il-korruzzjoni giet iktar facilitata mill-fatt li l-aggressur jghix fl-istess dar mal-vittma fejn hu kien abbuza minn relazzjoni ta' fiducja li kien hemm bejnu u bejn Omissis u dan f'iktar minn okkazzjoni wahda.

Illi ghemilu l-imsemmi Ommissis sar hati talli f'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena 2015 u Awwissu tas-sena 2017, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jikru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni, ikkorrompa lil Ommissis, persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan illi d-delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn kwalunkwe wiehed mill-genituri adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, mqarr jekk ghal xi zmien ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew u izommu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Ommissis, hati talli, f'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni, ikkorrompa lil Ommissis, persuna ta' taht l-eta' u minuri ta' erbatax (14)-il sena, tas-sess il-wieehd jew l-iehor, b'dan illi d-delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn kwalunkwe wiehed mill-genituri adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqarr jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew u izommu; jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn erba' (4) snin u mhux iktar minn disa' (9) snin, kif ukoll jigi provdut ghas-sigurta' tal-vittma Ommissis u ghat-trattament tal-akkuzat Ommissis, u l-istess akkuzat jigi ordnat li ihallas l-

ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, u dan skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 203(1)(c)(2)(3)(b), 17, 18, 31, 197(4), 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' tkun skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Ommissis, tal-24 ta' Novembru 2021, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih fl-ambitu tan-Nota li ġiet ippreżentata kontestwalment mir-rikorrent Avukat Generali, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' tmien (8) snin prigunerija u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tallum 9 ta' Dicembru 2021, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuża wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Ommissis, ħati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbarm, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, bi vjolenza, kkometta stupru aggravat fuq Ommissis, eprsuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li d-delitt gie kommess fuq persuna minuri u meta l-persuna l-ohra tkun qeghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew kienet qeghda tghix mal-hati matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat;

2. F'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnhu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta' u cioe' Ommissis, persuna ta' taht l-eta' u minuri ta' erbatax (14)-il sena;

3. F'dawn il-Gzejjer u/jew f'25, Triq il-Baruni, Zabbar, f'xi zmien bejn Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni, ikkorrompa lil Ommissis, persuna ta' taht l-eta' u minuri ta' erbatax (14)-il sena, tas-sess il-wieehd jew l-iehor, b'dan illi d-delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn kwalunkwe wiehed mill-genituri adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqarr jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew u izommu.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-hati Ommissis u cioe' dik imsemmija fir-rikors konguntiv taghhom przentata fl-atti nhar l-24 ta' Novembru 2021.

Ikkunsidrat:

Ghar-rigward tal-hati Ommissis, il-partijiet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[2]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fl-24 ta' Novembru 2021 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 198, 201, 202(g)(h) paragrafu (v), 17, 18, 31, 197(4), 203(1)(c)(2)(3)(b), 204C(1), 208AC(1)(b)(d) (2)(a), 202(h) paragrafu (v), 382A, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati omissis ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' tmien (8) snin.

Tikkundanna wkoll lil hati l-ispejjez rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process fl-ammont ta' hames mija hamsa u sebghin ewro u sittin centezmu (€575.60), u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

1 Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
2 Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
3 Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara

Deputat Registratur